# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis dsatax (19) ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 92/13 FDP**

**Andrew Borg Cardona (ID 818655M) u Peter Caruana Galizia (ID 30056M)**

**vs**

**Jeffrey Pullicino Orlando (ID 634563M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-5 ta' April 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-*'post'* illi gie ppubblikat fuq is-sit elettroniku socjali '*Facebook*' mill-intimat fit 2 ta' Marzu 2013, talbu lill dina l-Qorti tiddikjara dak fih miktub bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat il-post illi deher li fuq is-sit personali tal-Facebook ta' l-intimat datat 2 ta' Marzu 2013, illi kien jghid is-segwenti:

> *IR-RAGUNI VERA WARA L-BASSEZZI TAS-SINJURA DAPHNE CARUANA GALIZIA .... "Columnist and blogger Daphne Caruana Galizia's husband, Peter Caruana Galizia and consultant and columnist Andrew Borg Cardona, receive a contract of €542,280 for the services of their company, from the General Contracts Department, just two weeks before the general election."*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fit-18 ta' April 2013 fejn, filwaqt illi rrespinga t-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, sahaq illi ma kien hemm xejn libelluz f'dak illi kien hemm pubblikat, liema kumment kien biss riproduzzjoni '*verbatim*' ta' kumment li kien gia deher fuq siti elettronici ohra, filwaqt illi insista li tali kumment kien jammont ghal '*fair comment*' dwar fatti sostanzjalment ta' interess pubbliku.

Rat l-affidavit ta' **Dr Andrew Borg Cardona** u **Dr Peter Caruana Galizia** ippresentati fl-1 ta' Lulju 2013 u d-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Rat illi fl-1 ta' Lulju 2013, wara illi l-intimat iddikjara illi ma kienx hemm il-htiega li jittellghu xhieda sabiex jikkonfermaw id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Peter Caruana Galizia illi saret fil 21 ta' Ottubru 2013.

Rat id-dokumentazzjoni esebita minn Raymond Grillo, rappresentant tal-Kamra tad-Deputati, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Dr Jeffrey Pullicino Orlando** moghtija in ezami fis-26 ta' Mejju 2014 u rat id-dokumentazzjoni esebita dakinhar stess.

Rat in-nota ta' Dr Peter Caruana Galizia ippresentata fit-13 ta' Ottubru 2014 fejn ghamel kjarifiki dwar certi fatti illi dehru rappurtati f'diversi Domandi Parlamentari esebiti minn Raymond Grillo fil-proceduri odjerni.

Rat ix-xhieda ta' **Raymond Grillo** moghtija fit-2 ta' Frar 2015 u d-dokumentazzjoni, ossija Domandi Parlamentari, minnu ppresentata waqt ix-xhieda tieghu.

Rat illi fit-23 ta' Frar 2015, il-partijiet gharrfu illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Semghet is-sottomissjonjet finali tal-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fl-14 ta' Mejju 2015, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat, illi huwa sid ta' pagna fuq is-sit elettroniku maghruf bhala '*Facebook*', liema pagna hija minnu amministrata u ghandha ritratt tieghu fuq l-istess sit, fatt illi ma gietx innegata mill-intimat, la fid-difiza tieghu u wisq anqas fix-xhieda tieghu.

Jirrizulta illi fit-2 ta' Marzu 2013, meta kienet ghaddejja bi shih il-kampanja ghall-Elezzjoni Generali li kienu ser jinzammu gimgha wara il-pubblikazzjoni, l-intimat tella kumment fuq il-pagna tieghu fejn, filwaqt illi beda bil-kliem "*Ir-raguni vera wara l-bassezzi tas-sinjura Daphne Caruana Galizia ...*" ikompli biex jghamel referenza ghal titolu illi deher fuq sit elettroniku u ppubblika tali titolu li kien jghid " *Columnist and blogger Daphne Caruana Galizia's husband, Peter Caruana Galizia and consultant and columnist Andrew Borg Cardona, receive a contract of €542,280 for the services of their company, from the General Contracts Department, just two weeks before the general election.*"

Jirrizulta illi eventwalment, meta l-intimat intebah illi l-artikolu li huwa kien ikkwota minnu seta ma kienx korrett, huwa stqarr li qabad u nehha il-post minn fuq il-pagna tieghu ta' Facebook, ghalkemm ma saret ebda indikazzjoni dwar meta tali post attwalment tnehhiet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-*'post'* illi tella l-intimat fuq il-pagna tieghu u li sussegwentement nehha, kien jallega illi r-rikorrenti, ftit jiem qabel l-Elezzjoni Generali, illi kienet ser tinzamm ftit jiem wara illi ttella il-post meritu tal-kawza odjerna, kienu inghataw kuntratt mill-General Contracts Department fil-valur ta' €542,280.

Jirrizulta, madanakollu, illi attwalment, kienet socjeta bl-isem ta' Evolve Limited, illi fiha socjeta illi fiha r-rikorrenti huma shab, ossija BCGL Services Limited, u li hija licenzjata sabiex toffri *trust and fiduciary services*, ghandha sehem ta' 40% bhala trustee ta' terzi, kienet attwalment inghatat tali kuntratt da parte tal-General Contracts Department.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent, Dr Peter Caruana Galizia, huwa Company Secretary ta' l-istess socjeta Evolve Limited, liema posizzjoni hija wahda amministrattiva ghall-finijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, u ma kien involut bl-ebda mod fit-tmexxija jew decizjonijiet relatati ma' l-operat ta' tali kumpannija.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ma kienx minnu illi r-rikorrenti inghataw kuntratt da' parte tal-General Contracts Department, fatt illi gie accettat anke mill-intimat stess meta huwa nehha l-kumment tieghu minn fuq il-pagna tal-Facebook tieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza ta' l-intimat, ghall-azzjoni mehuda kontra tieghu, kienu principalment tlieta, ossija, illi l-kumment kien riproduzzjoni ta' dak miktub minn mezz elettroniku iehor; illi l-kumment ma setax jitqies bhala libelluz; u illi l-kumment kien jammont ghal 'fair comment'. L-eccezzjoni l-ohra, ossija illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, hija eccezzjoni li, minnha innifisha, tinkludi dawn l-eccezzjonijiet kollha u ghalhekk ma tistax titqies wahedha izda tirrizulta mill-eccezzjonijiet l-ohra kollha.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex l-ewwel tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni fuq imsemmija, illi attwalment hija t-tielet eccezzjoni kif redatta fl-eccezzjonijiet tieghu, ossija illi dak mitkub kien "riproduzzjoni verbatim minn fuq siti elettronici pubblikat".

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Artikolu 24 tal-Kap 248 ossija l-Att dwar l-Istampa jipprovdi s-segwenti:

> *Ebda waħda mill-persuni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma tista' tipprova, b'difiża tagħha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba oħra li diġà ġiet stampata jew pubblikata xort'oħra.*

Jirrizulta car illi d-difiza mqajjma mill-intimat, kif fuq spjegat, hija diamettrikament oppost ghal dak illi tipprovdi il-Ligi, fejn johrog car illi l-Ligi qieghda tipproibixxi lill persuna li juza, bhala linja difensjonali, il-fatt illi huwa rriproduca dak li gia gie pubblikat minn terza persuna.

Jidher car illi l-Legislatur ried jassikura illi kull min jikteb kumment li jista jitqies bhala malafamanti ma jistax jinheba wara d-difiza illi huwa kien biss qieghed jirrepeti dak illi xi hadd iehor kien gia kiteb x'imkien iehor.

Ghalhekk, din id-difza, kif imressqa mill-intimat, ma tregix.

**Ikkunsidrat**

It-tieni u tielet difiza fuq imsemmija, illi attwalment huma it-tieni u raba eccezzjoni mqajjma mill-intimat, huma principalment l-istess, ghalkemm redatti b'modalitajiet differenti, ossija illi dak miktub ma kienx libelluz u kien jikkonsisti f' *fair comment*, li ghalhekk ghandu jitqies bhala accettabbli u protett skond il-Kostituzzjoni Maltija u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikun ghalhekk utili li, in vista ta' tali difiza, wiehed jezamina l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' bil-ghan illi jigu kkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-'*fair comment*'.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblih, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated*

*by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Huwa utili illi wiehed josserva illi fil-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kuncett simili, illi huwa dak ta' '*value judgment*', ghandu l-istess elementi u, di fatti, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, jinghad is-segwenti:

*... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kif prodotti, jirrizulta ben car illi l-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tar-rikorrent ma kienux sostanzjalment veri, stante illi ma kienux r-rikorrenti illi inghataw il-kuntratt ta' €542,280 imsemmi mill-intimat, izda kienet kumpannija illi fiha, socjeta fiducjarja tar-rikorrenti kellha sehem minoritarju ghan-nom ta' terzi persuni u ir-rikorrent Dr Peter Caruana Galizia kellu posizzjoni amministrattiva illi bl-ebda mod ma kienet tinvolvieh fit-tmexxija tal-kumpannija.

Ghalhekk, jirrizulta illi l-fatti kif rappurtati kienu skorretti u ghalhekk, minnhom infushom, libelluzi.

L-intimat, madanakollu, fil-provi tieghu, ittenta jghid illi il-kumment tieghu kellu jitqies bhala "kumment politiku" u, ghal dan il-ghan, ipprovda provi varji dwar kuntratti ta' servizz illi r-rikorrenti inghataw tul l-amministrazzjoni mmexxija mill-Gvern Nazzjonalista, u dana kif irrappurtat f'sensiela ta' Domandi Parlamentari illi saru dwar ir-rikorrenti u d-ditti taghhom.

Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi, ghalkemm kullhadd ghandu d-dritt illi jghaddi l-kummenti illi huwa jidhirlu xierqa, kulhadd ghandu jkollu wkoll id-dover illi jirrispondi ghalihom meta dawna jkunu zbaljati, u li tipprova tiddefendi zball billi tuza argumentazzjoni illi l-kumment kien wiehed politiku, u ghalhekk accettabbli fis-socjeta tagha, ma hijiex difiza illi tista twassal ghal esoneru mir-resposabbiltajiet tieghu.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti ma jistghux jitqiesu bhala persuni politici u ghalhekk wiehed ma jistax jaghmel kummenti politici dwarhom meta huma ma humiex persuni politici.

Apparti minn hekk, il-Qorti tosserva illi kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

*Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi llum il-gurnata, qed nghixu f'dinja fejn jirrenjaw hafna drittijiet, izda jidher illi qed jigu minsija d-doveri illi kull persuna ghandu jkollu b'rizultat ta' tali drittijiet, fosthom id-doveri illi jirrispetta d-drittijiet ta' persuni ohra.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, qabel ma tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha, tosserva illi l-intimat, meta intebah illi huwa ghamel zball fil-kumment tieghu, ghazel, di sua sponte, illi jnehhi tali kumment minn fuq il-pagna tieghu tal-*Facebook*, ghalkemm il-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni meta attwalment l-intimt nehha tali kumment ossija '*post*'.

Ghalkemm kien ikun ferm aktar dinjituz u korrett da parte ta' l-intimat lejn kemm ir-rikorrent u, aktar u aktar il-qarrejja kollha li qraw il-kumment ta' l-intimat meritu tal-kawza odjerna, illi huwa jaghmilha pubblika illi zbalja meta ghadda tali kumment u ghalhekk kien qieghed jirtirah pubblikament, il-fatt illi huwa ghazel illi jnehhih ghandu jinghata l-piz tieghu meta tigi biex tikkunsidra d-danni li ghandhom jigu likwidati.

Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrenti imkien ma indikaw illi, rizultat tal-kumment ta' l-intimat, huma soffrew xi danni fix-xoghol personali taghhom izda jidher car illi huma hassewhom malafamat b'dak illi kien kiteb l-intimat u li eventwalment irtira.

Dan ghandu jinghata konsiderazzjoni wkoll fl-ghoti tad-danni.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi prodotti,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talba attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** il-"*post*" imtella mill-intimat illi gie ppubblikat fuq is-sit elettroniku socjali 'Facebook' mill-intimat fit 2 ta' Marzu 2013 intitolat " *IR-RAGUNI VERA WARA L-BASSEZZI TAS-SINJURA DAPHNE CARUANA GALIZIA* .... " bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti in solidum bejniethom is-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur